# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356)21689168, (0356)21641487
Telefax:(00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.g

Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

Is-Seba' Legislatura

Laqgħa Numru 16/2019

19 ta' Diċembru, 2019

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fis-5:00pm.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Johan Mula: | Sindku |
| Francis Callus | Viċi-Sindku |
| Joanna Abdilla: | Kunsilliera |
| Publio Abdilla: | Kunsillier |
| Mark Cocker | Kunsillier |

Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Doris Baldacchino: | Segretarju Eżekuttiv |

16.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi l-kunsillier is-Sur Mark Cocker kien ser jidħol għal laqgħa ftit tard. Huwa ġie skużat..

16.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Il-Kunsilliera qablu fuq il-Minuti tal-laqgħa preċidenti. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

16.2.1 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi fef 15.2.9 għandha titneħħa l-kelma tellieqa. Hija qalet illi din l-inizjattiva, għalkemm ma kienx hemm konkorrenza xorta waħda saret.

16.2.3 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa jekk it-tabella fi Triq in-Nassaba kinitx telgħet. Is-Sindku qal li kien għad trid ssir.

16.2.4 Is-Sindku qal illi ref punt 15.2.1 l-ittra ntbagħtet u s'issa l-Kunsill ma kienx irċieva l-ebda risposta. Huwa qal li jissuġerixxi li titbagħat reminder, pero' jekk il-Kunsill jibqa' mingħajr l-ebda risposta, l-Kunsill għandu jaqla' tlett tabelli li jrid hu. Is-Sindku qal illi l-Kunsill jaqbillu li jibqa' jżomm it-tlett tabelli sabiex ninneguzjawhom aħna bħala flus. Il-Kunsill qabel.

16.2.5 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa jekk il-Kunsill kienx irċieva xi ħaġa mill-impjegat il-ġdid li l-Kunsill kien ser jimpjega. Is-Segretarju Eżekuttiv kkonfermat illi l-impjegat il-ġdid kien beda nhar l-Erbgħat 11 ta' Diċembru, 2019.

16.2.6 Is-Sindku qal illi ref punt 15.4.1 l-ewwel punt għandu jkun:

Meta jkun hemm Luttu Nazzjonali.
Kappillani li servew Ħal Safi u
Qassisin minn Ħal Safi.

16.2.7 Is-Sindku qal illi ref punt 15.8.1 il-ħajt fejn il-Bring in Sites kienu qed itellgħuh dak inhar.

16.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

16.3.1 Is-Sindku fakkar lill-Kunsill illi nhar is-Sibt 4 ta' Jannar 2020 kien ser ikun hemm il-kunċert li l-Kunsill jagħmel flimkien mal-Parroċċa.

I6.3.2 Is-Sindku qal illi reġa' kellu laqgħa ma Infrastructure Malta rigward il-kwistjoni tal-bankini fi triq l-Iskola. Huwa qal illi waqt din il-laqgħa sar qbil illi jsiru l-kulverts biss sabiex neliminaw il-problema tal-ilma. Is-Sindku qal illi kellu offerta illi minflok Triq l-Iskola ssir triq oħra. Huwa qal li kien suġġerixxa li minflok issir Triq iż-Żurrieq u b'hekk inkunu nistgħu neliminaw il-problema tal-għoli tat-tarmak. Il-Kunsill qabel ma dan is-suġġeriment.

16.3.3 Is-Sindku qal illi kellu bżonn illi jkun jaf min kien ser jattendi għat-Town Twinning li kienet ser issir fi Sqallija bejn 16-21 ta' Jannar 2020, u l-konferenzi rigward l-Integrazzjoni u Immigrazzjoni fil-Litwanja.

Il-kunsillier is-Sur Mark Cocker daħal għal laqgħa 6.05pm

16.4 Tweġibiet għall Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

16.4.1 Il-Viċi Sindku s-Sur Francis Callus spjega fejn kien hemm pjanta tixxeblek mal-ħajt sabiex tinżabar.

16.4.21Il-Viċi Sindku qal illi fejn jinqata' l-ħaxix l-ħaddiema għandhom ikollom xkupa apposta sabiex jinkines il-ħmieġ li qed jinġabar mal-ħitan.

16.4.3 Il-Viċi Sindku rringrazzja lill-Kunsill għaliex il-parking tax-Xarabanks fi Triq Dun Karm Lia kien waqaf u l-parking ta' vetturi mingħajr liċenzja fi Triq il-Ħajt Ruman ukoll kien waqaf. Is-Sindku kkonferma illi kien sar infurzar fiż-żewġ postijiet sabiex dan l-abbuż jinqata'.

16.4.4 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi kienet attendiet għal Konferenza Inklużjoni Soċjali.

16.4.5 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla ssuġerixxiet illi Slow Sign li hemm fejn iċ-ċimiterju għandha tiġi rrifreskata. Il-Kunsill qabel.

16.4.6Il-Kunsillier s-Sur Mark Cocker qal illi kienet avviċinata persuna rigward l-bankina għolja li hemm l-fuq minn Misrah San Gużepp. Il-Kunsill iddiskuta din il-problema nazzjonali u qabel illi ma jagħmilx sens illi jitneħħew erba' parkeġġi meta din il-persuna kellha alternattiva oħra minn fejn tgħaddi.

16.4.7 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker qal illi rigward il-proġett tal-Pjazza kellu diversi laqgħat ma individwi minħabba l-pjanti tal-iskola sabiex isir il-parkeġġ taħtha. Huwa qal ukoll li forsi dan il-proġett ma jagħmilx sens daqshekk għaliex minn informazzjoni li kellu l-parkeġġ fi Triq il-Kuċċard kien ser jiżdied ħafna. Is-Sindku qal illi f'dan l-istadju l-aħjar soluzzjoni kienet illi l-ewwel naħtru Perit ġdid għal Kunsill sabiex ikun jista' jtina l-opinjoni u s-suġġeriment tiegħu.

16.5 Ħatra ta' Librar

Is-Sindku qal illi flimkien ma' uffiċjal mill-Malta Libraries kienu saru l-intervisti sabiex isir l-ingaġġ għal librar ġdid. Huwa qal illi bħala applikazzjonijiet daħlu erbgħa, u waħda mill-applikazzjonijiet weqgħet mill-ewwel għaliex ma kelliex il-kwalifiċi meħtieġa. Is-Sindku qal illi l-aktar li ġabet punti bħala intervista kienet persuna li diġa' ħadet sehem f'reading sessins li saru fis-sajf iż-Żurrieq u hija disponibbli l-ħinijiet kollha li tiftaħ il-librerija u għalhekk issuġerixxa illi għandna nimxu skont ir-rakkomandazzjoni tal-bord u naħtruha bħala l-Librara ġdida. Il-Kunsill qabel unanimament.

16.6 Performance Appraisal tal-Impjegati

Il-Kunsill iddiskuta l-performance appraisal tal-impjegati tal-Kunsill u qabel illi din is-sena l-impjegati għandhom jieħdu:

Impjegat 1 – 6%
Impjegat 2 – 4%

16.7 Ħatra Bord Evalwazzjoni Kuntratt tal-Perit

Is-Sindku qal illi kien jinħtieg illi jinħatar il-Bord u tiġi stabillita data sabiex issir l-evalwazzjoni tal-Kuntratt tal-Perit. Is-Sindku qal illi l-Kunsill kollu seta' jkun preżenti għal waqt l-evalwazzjoni tal-Kuntratt. Il-Kunsilliera ddiskutew meta setgħu u qablu li bħala bord ikunu s-Sindku, l-Viċi Sindku u l-Kunsilliera Publio Abdilla u Mark Cocker. Huma qablu illi jiltaqgħu nhar it-Tnejn 23 ta' Diċembru, 2019.

16.8 Evalwazzjoni Kuntratt Embellishment Gnien ta' Ball

Is-Sindku qal illi l-Bord kien iltaqa' flimkien fejn ġie diskuss l-kuntratt tal-Embellishement għal Ġnien Sir Alexander Ball. Huwa qal illi kienu ntefgħu żewġ offerti, u t-tnejn kienu compliant mal-ħtiġijiet tagħna. Is-Sindku ssuġerixxa illi l-Kunsill għandu jimxi mar-rakkomandazzjoni tal-bord u jmur għall-orħos offerta. Il-Kunsill qabel.

16.9 Skema Achievers

Is-Sindku qal illi fuq inizjattiva tal-Ministeru tal-Onorevoli Julia Farrugia Portelli kienet ħarġet skema fejn il-Kunsill jista' jibbenfika sa massimu ta' €3,000. Huwa qal illi l-inizjattiva li napplikaw għaliha trid tinvolvi ż-żagħżagħ bil-ħsieb li jitbegħdu mill-vizzju tad-drogi. Huwa qal illi l-Kunsill għandu jaħseb fuq xi ideat fuq din it-tema u li l-

applikazzjonijiiet kienu jagħlqu nhar it-Tlieta 7 ta' Jannar, 2020. Il-Kunsill qabel illi għandna naplikaw għal din l-inizjattiva.

16.10 Korrispondenza

16.10 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi kienet stiednet lill-MPS li qed jagħmlu kampanja dwar l-użu tajjeb għal waqt Festa Familja jarmaw sabiex ikun hawn aktar għarfien fuq l-użu tajjeb tal-ilma. Hija qalet illi sfortunatament kienet irċeviet illi ma jistgħux jattendu.

16.11 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi dawn l-aħħar żewg laqgħat kif kien jaf il-Kunsill kien hemm problemi bil-live streaming tal-laqgħat tal-Kunsill. Hija qalet illi kienet ikkuntatjat lill-Kuntrattur u rriżulta illi l-modem tal-live streaming jinħtieġ ikun iżolat waħdu. Għal dan il-għan hija qalet li kienet qed tissuġerixxi illi nqabbdu l-persuna li tieħu ħsiebilna l-IT fil-Kunsill sabiex isir cabinet bl-ixkaffar għal modems kollha, l-linji kollha mmarkati għal liema użu huma sabiex il-Kunsill ikollu xi ħaġa professjonali.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi issa l-Live Streaming għandu jkun trasmettit on demand. Hija spjegat illi din ma kinitx xi ħaġa volontarja u daħħlet il-kwotazzjoni li kienet irċeviet sabiex il-Kunsill ikollu dan is-servizz. Il-Kunsill iddiskuta u qabel illi għandna niktbu lid-dipartiment sabiex naraw hekk hemmx xi fondi li nistgħu naplikaw għalihom sabiex intaffu dawn l-ispejjeż.

16.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

Il-pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

16.13 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fil-7.39pm. Laqgħa li jmiss ser tkun nhar il-Ħamis 30 ta' Jannar, 2019 fis-6:00pm.

| | |
|---|---|
| Johan Mula | Doris Baldacchino |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |